**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 444/2007 AF**

**Julian Holland bhala mandatarju tal-assenti Arthur John Holland u Geraldine Holland**

**vs**

**Christopher Muscat personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Stone Projects Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Julian Holland bħala mandatarju tal-assenti Arthur John Holland li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi Arthur John Holland u Geraldine Holland huma l-proprjetàrju tal-fond numru mija u disgha u ghoxrin (129) fi Triq Zekka, il-Belt Valletta.

L-attur inkariga lill-konvenuti sabiex jaghmlu xogholijiet ta' rinovazzjoni u kontruzzjoni fl-imsemmija proprjetà.

Il-konvenuti naqsu li jezegwixxu b'mod tempestiv u fi zmien utli x-xogholijiet fdati lilhom.

Inoltre, il-konvenuti ezegwew xogholijiet hazin u mhux skond is-sena u l-arti.

B'konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-konvenuti, nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), sehhet infiltrazzjoni qawwija ta' ilma ghal gewwa l-proprjetà tal-atturi u gew ikkawzati danni ingenti.

Il-konvenuti jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmija danni sofferti mill-attur.

Il-konvenuti gew interpellati, sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnhom, jew min minnhom, izda baqghu inadempjenti.

Inoltre, l-atturi ghaddew fondi lill-konvenuti sabiex bihom ikunu jistghu jithallsu spejjez in konnessjoni mar-renovazzjoni tal-fond *de quo*.

Il-konvenuti kienu responsabbli mit-thaddim u minn nefqa ta' flus l-atturi izda, minkejja li gew debitament interpellati, il-konvenuti qeghdin jonqsu li jaghtu rendikont leali tal-ispejjez u tal-mod kif intuzaw dawn il-fondi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine kawza tan-nuqqas taghhom li jesegwixxu b'mod tempestiv u fi zmien utli x-xogholijiet fdati lilhom u kawza tax-xogholijiet esegwiti hazin u mhux skond is-sena u l-arti.

2. Tillikwida, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.

4. Tiddikjara li, bhala mandatarji, il-konvenuti jew min minnhom ghandhom jaghtu kont ta' l-amministrazzjoni skond l-art. 1875 tal-Kodici Civili.

5. Tordnalhom jaghtu dan il-kont lill-attur nomine billi jipprezentaw dokumenti li juru d-dhul u l-infiq ta' flejjes, fuq xiex intefqu l-flejjes, u juru l-bilanc li fadal; u jekk jonqsu, tikkundannahom, jew lil min minnhom, ihallsu lill-attur nomine dak il-bilanc li jkun likwidat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi, u bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Christopher Muscat personalment u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Stone Projects Limited li bil-ġurament tiegħu kkonferma illi:

Preliminarjament, ir-rikorrent Julian Holland ghandu jaghti prova tal-mandat specifiku tieghu minghand l-assenti Arthur John Holland u Geraldine Holland biex jistitwixxu l-proceduri odjerni.

Preliminarjament ukoll, l-irritwalità tal-procedura intavolati mir-rikorrent nomine stante illi l-kawza ma setghetx tigi istitwita kontra "Christopher Muscat personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Stone Projects Limited" peress li kawza kontra socjetà kummercjali, li ghandha personalità guridika separata u distinta minn dik tal-membri u l-azzjonist taghha, trid tigi istitwita kontra s-socjetà kummercjali nnifisha, u mhux kontra direttur jew azzjonista ghan-nom taghha.

L-intimat Christopher Muscat fil-vesti personali tieghu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa personalment ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Arthur John Holland u Geraldine Holland.

Fil-mertu l-ewwel tliet (3) talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ebda wiehed mill-intimati, la Christopher Muscat personalment u lanqas is-socjetà Stone Projects

Limited, ma kkawzaw ebda danni lir-rikorrenti, ghall-kuntrarju ta' dak li qed jigi minnhom allegat u reklamat.

Ebda wiehed mill-intimati mhu responsabbli jew passibbli ghall-hlas ta' kwalsijasi tip ta' danni lir-rikorrenti.

Mhuwiex minnu li s-socjetà intimata Stone Projects Limited naqset milli tesegwixxi tempestivament u fi zmien utli l-appalt lilha moghti; anzi, ghall-kuntrarju, kienu r-rikorrenti illi bl-agir taghhom wasslu ghad-dilungar tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet minnhom inkarigati minhabba nuqqasijiet, tortijiet u ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrenti, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Lanqas mhu minnu dak allegat mir-rikorrenti illi s-socjetà intimata Stone Projects Limited esegwiet xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, waqt li naturalment l-intimat Christopher Muscat ma setax jesegwixxi xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti stante illi x-xogholijiet kienu fdati lis-socjetà intimata Stone Projects Limited u mhux lill-intimat Christopher Muscat personalment.

L-infiltrazzjoni tal-ilma fil-fond proprjetà tar-rikorrenti kienet sehhet anke precedentement ghall-espisodu tat-13 ta' Dicembru, 2005 meta kienet ghamlet maltempata kbira fil-15 ta' Settembru, 2005, ghal liema infiltrazzjoni ta' ilma certament li mhumiex responsabbli ebda wiehed mill-intimati.

Di più, kwalsijasi danni li setghu gew sofferti b'kawza ta' infiltrazzjoni ta' ilma li sehhet fil-kors ta' zewg maltempati straordinarji meta kienet nizlet ammont ta' xita barra minn normal u gew kawzati anke diversi gharghar, ma jistghu qatt ikunu passibbli ghalihom l-intimati, huma jew min minnhom, stante illi danni rizultanti minn kaz fortuwitu irid ibatihom, skond il-ligi, l-istess parti danneggjata.

Lanqas mhu minnu dak allegat mir-rikorrenti li huma ghaddew "fondi lill-konvenuti sabiex bihom ikunu jistghu jithallsu spejjez in konnessjoni mar-renovazzjoni tal-fond *de quo*" izda, ghall-kuntrarju, huma ghaddew biss hlas in linea ta' depozitu ghax-xogholijiet minnhom kommessi kif inhija l-prassi kummercjali.

Wisq inqas huwa minnu dak allegat mir-rikorrenti illi huma hatru lill-intimati, huma jew min minnhom, bhala mandatarji taghhom u/jew li l-intimati, huma jew min minnhom, accettaw tali allegat mandat, u ghalhekk ir-raba' u l-hames talbiet attrici huma guridikament u fattwalment infondati u ghandhom jigu michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi kollha u salv ghall-eccezzjonijiet ohra illi l-intimati qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw f'kaz li jigu hekk awtorizzati li jaghmlu dan minn din l-Onorabbli Qorti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

Is-socjetà intimata Stone Projects Limited qieghda tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri sabiex tressaq 'il quddiem il-kontro-talbiet taghha.

Rat il-kontro talba tas-socjetà intimata Stone Projects Limited li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti rikonvenzjonati kienu inkarigaw lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti sabiex tesegiwixxi xogholijiet ta' alterazzjonijiet, rinnovazzjonijiet u kostruzzjoni fil-fond 129, Triq Zekka, il-Belt, Valletta.

Is-socjetà intimata rikonvenzjonanti esegwiet dan l-appalt u kkompletat ix-xogholijiet kollha ta' kostruzzjoni illi ghalihom kienu gew ottenuti l-permessi minghand l-awtoritajiet kompetenti, u ghal dawn ix-xogholijiet irceviet hlas illi ma jkoprix il-hlas kollu pattwit skond il-prezzijiet miftiehma bejn il-partijiet.

Ir-rikorrenti rikonvenzjonati ghad fadlilhom ihallsu somma flus sabiex jissaldaw il-hlas kollu minnhom dovut lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti ghax-xogholijiet kollha minnha esegwiti.

In oltre s-socjetà intimata rikonvenzjonanti, li kienet giet kuntrattata mir-rikorrenti rikonvenzjonati ghall-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xogholijiet, sofriet danni ingenti konsistenti f'telf ta' introjtu u fi hrug ta' spejjez inutili minhabba illi l-

ezekuzzjonijiet tax-xogholijiet ma setghetx titkompla regolarment ghal diversi gimghat u dan minhabba nuqqasijiet, tortijiet u ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonati ghad ghandhom ihallsu lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited somma ta' flus bhala hlas ghax-xogholijiet minnha esegwiti;

(ii) Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, l-ammont ta' flus dovut mir-rikorrent rikonvenzjonati lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited bhala hlas ghas-saldu ta' dawn ix-xogholijiet;

(iii) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex ihallsu lis-sojcetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited dik is-somma ta' flus li tigi hekk likwidata bhala hlas lilha dovut ghax-xogholijiet minnha esegwiti;

(iv) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonati ikkawzaw danni lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited stante illi din ma setghetx tkompli bl-ezekuzzjoni regolari tax-xogholijiet lilha kommessi minhabba nuqqasijiet, tortijiet u ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonati;

(v) Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, il-hlas dovut mir-rikorrenti rikonvenzjonati lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited in linea ta' danni; u

(vi) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati biex thallas lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti Stone Projects Limited dik is-somma ta' flus li tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonanti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat it-twegiba ghaliha li permezz taghha gie eccepit illi:

It-talbiet tas-socjetà konvenuta huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhumiex debituri tas-socjetà konvenuta.

Minghajr pregudizzjju ghas-suespost, l-esponenti mhumiex responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mis-socjetà konvenuta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta ma sofrietx danni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2007 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Godwin Abela bħala perit tekniku.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-partijiet.

Rat id-digriet tal-Prim'Imhallef li permezz tieghu il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur nomine qiegħed iressaq talba għall-likwidazzjoni ta' danni sofferti kkawżati mill-konvenuti jew min minnhom minħabba n-nuqqas tal-istess konvenuti milli jeżegwixxu fi żmien tempestiv ix-xogħol fdati lilhom, kif ukoll illi l-istess konvenuti eżegwew xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti li konsegwenza tiegħu ġiet ikkawżata ħsara fil-proprjetà tal-attur nomine minn perkolazzjoni ta' ilma. L-attur nomine talab ukoll lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti jippreżentaw dokumenti li juru fhiex intefqu l-flus illi tħallsu lill-konvenuti u jekk fadal xi bilanċ, tordna li dan jitħallas lura.

Il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Is-soċjetà intimata Stone Projects Limited ressqet ukoll kontro-talba fil-konfront tal-attur nomine li permezz tagħha talbet lill-attur nomine rikonvenzjonat iħallas għax-xogħolijiet minnha eżegwiti fuq il-proprjetà tal-istess attur nomine kif ukoll id-danni likwidati li sofriet is-soċjetà intimata stante li ma setgħetx tkompli bl-eżekuzzjoni regolari tax-xogħol fuq il-proprjetà minħabba nuqqasijiet, tortijiet u raġunijiet imputabbli lir-rikorrent nomine rikonvenzjonat.

L-attur nomine rikonvenzjonat eċepixxa preliminarjment illi t-talbiet tas-soċjetà konvenuta huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll illi r-rikorrent nomine mhuwiex debitur tas-soċjetà konvenuta u lanqas ma huwa responsabbli ghal ebda danni. Fi kwalunkwe każ huwa jgħid illi s-soċjetà konvenuta ma soffriet ebda danni.

Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-fatti rilevanti huma dawn. L-attur Arthur John Holland li xehed permezz ta' affidavit kif ukoll in kontro eżami huwa sid tal-proprjetà 129, Triq Zekka, l-Belt Valletta. Din il-proprjetà kienet tirrikjedi xogħolijiet li kienu jinkludu alterazzjonijiet strutturali, soqfa ġodda u tneħħija u tiswija ta' gallarija tal-injam kif ukoll xogħol ta' stallazzjoni ta' dawl u ilma u dan skont id-dokumenti esebiti mill-attur Arthur John Holland u mill-konvenut Christopher Muscat.

L-attur, li jgħix il-Kanada, kien hatar lill-ċertu Philip Vassallo bħala rappreżentant tiegħu hawn Malta. Kien l-istess Philip

Vassallo li kien irrakkomanda lil Christopher Muscat bħala kuntrattur għax-xogħolijiet neċessarji. Arthur Holland kien iltaqa' mal-konvenut Christopher Muscat u Philip Vassallo fuq il-post kif ukoll fl-uffiċċju tal-perit inkarigat u l-partijiet kienu ftehmu verbalment dwar ix-xogħol illi kellu jsir. Arthur Holland kien qabbad lill-perit Paul Camilleri. Jirriżulta però li dan kien eventwalment sostitwit bil-perit Kenneth Camilleri li fil-fatt xehed f'dawn il-proċeduri. Dawn ix-xogħolijiet bdew fil-bidu ta' Novembru 2004.

Jirriżulta mill-provi li f'Novembru 2004 kien ċeda parti mis-saqaf tal-proprjetà in kwistjoni filwaqt illi tard fis-sena 2005 il-proprjetà ta' Arthur Holland kif ukoll il-proprjetà adjaċenti kienu soffrew ħsara minħabba perkolazzjoni ta' ilma waqt maltempata. L-attur nomine jgħid illi din il-ħsara kienu jaħtu għaliha l-konvenuti. Il-konvenut jiċħad dan. Fir-rigward tal-ħlas għax-xogħolijiet illi huwa kien inkarigat li jagħmel il-konvenut jgħid illi huwa jonqsu jitħallas l-ammont ta' Lm2434.86 (llum €5671.69) mingħand l-attur nomine.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talbiet tal-attur nomine u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għal dawn it-talbiet.

Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, jirriżulta li ma tressqet ebda prova mill-attur tal-mandat tiegħu minghand l-assenti Arthur John Holland u Geraldine Holland. Lanqas ma tressqet ebda prova jew tqajmet il-kwistjoni in kontro eżami mill-konvenuti.

Illi l-Qorti kkunsidrat illi skont l-artikolu 1856 tal-Kodiċi Ċivili, '*Il-mandat, jew il prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha*.' Sabiex persuna tippreżenta kawża għan-nom ta' persuna oħra li tkun assenti minn Malta, u biex tidher fil-kawża f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx għalfejn ikun bil-miktub. Mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll taċitament sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni speċjali oħra tal-liġi (artikolu 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili). F'dan ir-rigward ma jirriżultax illi hemm xi disposizzjoni tal-liġi li espressament tgħid li l-mandat f'ċirkostanzi bħal dawk attwali, irid jingħata bil-miktub (**Giovanna Saliba pro et noe vs**

**Adrian Azzopardi, deċiża fid-19 ta' Novembru 2010**). Il-konvenuti ma qajmu ebda eċċezzjoni fis-sens illi Arthur John Holland u/jew Geraldine Holland jgħixu Malta. Jirriżulta li Arthur John Holland xehed ukoll fil-mori tal-proċeduri u għaldaqstant ċertament illi huwa ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġu stitwiti dawn il-proċeduri tant illi huwa jgħid fl-affidavit tiegħu (fol. 19), '*This is the main reason why I had no option but to file this court case.*' Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Il-Qorti ssib illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija mingħajr ebda bażi legali. Fl-affidavit tiegħu stess il-konvenut jibda sabiex jikkonferma li huwa direttur tas-soċjetà konvenuta. Il-*memorandum and articles of association* tas-soċjetà attriċi a fol. 163 et seq. tal-proċess tindika wkoll illi l-konvenut Christopher Muscat huwa direttur, rappreżentant legali u segretarju tas-socjetà konveneta. Huwa minnu li s-socjetà konvenuta għandha personalita ġuridika distinta iżda ċertament illi tista' tkun imħarka fi proċeduri tramite ir-rappreżentant legali tagħha. Direttur ta' kumpannija huwa kkunsidrat bħala rappreżentant ta' dik il-kumpannija fir-relazzjonijiet tagħha ma' terżi persuni (**Dr Anthony H. Farrugia noe vs Vernie Carbone noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2001). In kwantu li jirriżulta li Christopher Muscat tħarrek kemm personalment kif ukoll in rappreżentanza tas-socjetà konvenuta u in kwantu li jirrużulta li huwa r-rappreżentant legali tal-istess socjetà skont il-*memorandum and articles of association tagħha*, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta.

It-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti hija fis-sens illi dawn il-proċeduri ma kellhomx jiġu stitwiti kontra Christopher Muscat personalment stante li huwa m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' Arthur John Holland u ma' Geraldine Holland.

Illi kif diġa ngħad, mill-provi jirriżulta li ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub. Philip Vassallo li kien ir-rappreżentant tal-atturi ma tressaqx sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta li l-*invoices* li kienu ġew preżentati lill-atturi kienu kollha fuq il-*letterhead* tas-socjetà intimata Stone Projects Limited iżda jirriżulta mill-irċevuti fiskali li ġew preżentati mill-attur illi mill-inqas tnejn minn dawn l-irċevuti kienu maħruġa minn

Christopher Muscat personalment. B'żieda ma dan fl-affidavit tiegħu b'riferenza għal ħlas illi skont hu għadu dovut mill-atturi, Christopher Muscat jgħid kemm illi l-ħlas huwa dovut lis-socjetà intimata u kemm illi huwa dovut lilu (fol. 162). Fin-nota ta' sottomissjonijet tagħhom il-konvenuti jagħmlu riferenza wkoll għax-xhieda ta' Nazzareno Abela prodott minnhom fejn xehed illi huwa impjegat ma' Stone Projects Limited. Bħala prova tal-eżistenza tas-socjetà intimata ġew preżentati mill-konvenut Christopher Muscat kopja tal-*memorandum and articles of association* tal-istess socjetà.

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **George Demanuele noe vs Mauro Gagliano et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 1995:

> "*Min qed jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalita' rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddiehor, jew, jekk ma indikatx dan espressament, għall-inqas ikun jirriżulta biżżejjed li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf illi dik il-persuna tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor*".

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet, **Anthony Caruana et vs John Magro et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 ġiet citata ġurisprudenza fis-sens li:

> "*hija haġa minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor…… Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-socjetà attriċi. Fi kliem ieħor ma jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjetà attriċi a tempo vergine hu gab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in*

*rappreżentanza tas-socjetà u li din is-socjetà biss kienet obbligata għall-ħlas" (**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992; **Charles O'Flaherty nomine vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta'fl-24 ta' Gunju, 1987 u **Charles Mizzi vs Teddy sive Edward Borg** deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' Mejju 1990)."*

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd vs Ron Chetcuti**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003, ġie ritenut ukoll li:

*"Hu dak il mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjetà' attrici kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-socjetà' attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilita' għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe vs Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru, 1999)"*. Aktar tard fl-istess sentenza l-Qorti żiedet li *"Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wieħed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru, 1999)."*

Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti mhijiex disposta taqbel mal-argumenti mressqa mill-konvenuti f'dan ir-rigward. Huwa prinċipju bażilari, li bħala regola persuna normalment tikkontratta għaliha nnifisha, ċioè, f'isimha u fl-interess tagħha personali. Il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddiehor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anke fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (Troplong "Mandato" no. 50

citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203). Inoltre, għandu jiġi rrilevat li l-liġi teżiġi (Art. 992 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni għandha ssir u tiġi esegwita "*in buona fede*" (**Martin Bonello et noe vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri et**, deċiża fil-25 ta' Mejju 2006).

F'dan il-każ ma ġiex pruvat mill-intimat sal grad rikjest mill-liġi li Arthur Holland kien jaf illi huwa kien qiegħed jikkontratta mal-kumpannija Stone Projects Limited ad esklussjoni ta' Christopher Muscat personalment. Kien jispetta lill-istess konvenut Christopher Muscat illi jieħu ħsieb illi jiċċara ma' Arthur Holland li huwa kien qiegħed jikkontratta f'isem is-socjetà konvenuta. Huwa minnu li l-*invoices* kienu saru fuq *letterhead* tal-kumpannija iżda huwa wkoll minnu li numru ta' irċevuti fiskali ġew maħruġa mill-intimat Christopher Muscat personalment u dan huwa anke kkonfermat fuq id-dokument ippreżentat mill-intimat stess a fol. 198 fejn jindika l-ammont illi tħallas lill-Christopher Muscat personalment fis-sena 2005. Ma tressqet ebda prova lanqas illi l-pagament kienu filfatt isiru lis-socjetà intimata direttament. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet li jelimina kull dubju, il-Qorti ma ssibx illi għandha tillibera lill-konvenut proprio mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu li mhuwiex ċar biżżejjed illi huwa kien qiegħed jikkontratta unikament f'isem is-socjetà konvenuta. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex titratta l-mertu tat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll il-kontro-talba tas-socjetà konvenuta u dan b'riferenza wkoll għall-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:

> *"In tema ta' dritt jingħad, skond l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, li hi l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistinament, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", u "jitqies fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-*

*familja". L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ….. mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawza "**Bonnici vs Mizzi**", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172*."

B'riferenza għall-ħsarat illi saru fil-proprjetà tal-Arthur u Geraldine Holland, jirriżulta mill-provi prodotti kif ukoll mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku li dawn ġew kaġunati kemm bl-ewwel inċident ta' Novembru 2004 meta ċeda parti mis-saqaf tal-proprjetà riżultat ta' perkolazzjoni ta' ilma kif ukoll riżultat ta' inċident ieħor ta' perkolazzjoni ta' ilma fis-sena 2005 fejn kienet ġiet ikkaġunata ħsara lill-*finishings* tal-binja in kwistjoni. Fir-rigward tal-ewwel inċident ma jirriżultax illi tressqet ebda prova ta' danni f'dan ir-rigward u lanqas ma tressaq rapport tal-perit tal-atturi dwar din il-ħsara. Fil-fehma tal-Qorti huwa għalhekk illi l-perit tekniku kkonkluda li '*din il-problema ġiet sorvolata*' (Rapport tal-perit tekniku a fol. 138). Il-perit tekniku ma setax jasal għal konklużjoni li l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għal danni li dwarhom ma tressqet ebda prova mir-rikorrent nomine.

Fir-rigward tat-tieni inċident ta' perkolazzjoni ta' ilma jirriżulta li tressqu provi kemm dokumentarji, senjatament rapporti tal-perit Kenneth Camilleri b'stima tal-ispejjeż rimedjali annessa, xhieda u *invoice* ta' Clyde Borg illi eżegwixxa dan ix-xogħol rimedjali kif ukoll xehed in eżami u in kontro eżami l-perit Kenneth Camilleri u l-attur Arthur Holland.

Fir-rigward tal-ħsara kkawżata mill-perkolazzjoni tal-ilma, il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku kienu s-segwenti:

*(i) Illi fl-opinjoni tiegħu, jirriżulta mix-xhieda li l-konvenuti kienu parzjalment responsabbli għad-danni sofferti mill-attur riżultanti mid-dħul ta' ilma tax-xita fil-fond in kwistjoni w dan għaliex ma eżegwewx l-istruzzjonijiet mogħtijin lilhom mill-Perit Kenneth Camilleri w mir-rappreżentant tal-attur Philip Vassallo w għaldaqstant l-ewwel talba attriċi għandha tiġi parzalment milqugħa.*

*(ii) Illi fl-opinjoni tiegħu, jirriżulta mix-xhieda li l-konvenuti naqsu milli jeżegwixxu dak li ordnalhom il-Perit Kenneth Camilleri w r-rappreżentant tal-attur Philip Vassallo, pero jirriżulta wkoll li kellhom jistennew il-konferma tax-xogħolijiet ordnati mingħand l-istess Vassallo w għaldaqstant it-tieni talba attriċi għandha tiġi parzjalment milqugħa fis-sens li l-konvenuti huma responsabbli bin-nofs it-tort għall-ħsarat riżultanti mid-dħul tal-ilma.*

*(iii) Illi fl-opinjoni tiegħu t-tielet talba attriċi għandha tiġi milqugħa b'dan illi l-konvenuti għandhom jiġu kkundannati jħallsu lill-attur nofs l-ispejjeż inkorsi fix-xogħolijiet rimedjali skond l-istima tal-Perit Paul Camilleri & Associates fl-ammont ta' Lm4,135 ekwivalenti għal €9,631.96 (disat elef sitt mija w wieħed u tletin ewro w sitta w disgħin ċenteżmu).*

....

*(v) Illi fl-opinjoni tiegħu, ir-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-konvenuti għandhom jiġu miċħudin għar-raġunijiet diġa spjegati fl-ewwel u t-tieni konklużjoni.*

*(vi) Illi fl-opinjoni tiegħu, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet għandhom jiġu milqugħin għaliex jirriżulta li fil-proċess tal-ġbir ta' provi ma kienx hemm ebda evidenza li x-xogħolijiet eżegwiti mill-konvenuti ma kienux saru skond is-sengħa w l-arti; rigward it-tardivita` jirriżulta illi din kienet ikkawżata prinċipalment minn żieda sostanzjali w tibdil fl-ammont ta' xogħolijiet mogħtijin lill-konvenuti kif ukoll 'time lapse' sakemm l-attur jew rappreżentant tiegħu kkonfermaw prezzijiet mogħtijin lilhom mill-konvenuti għax-xogħolijiet miżjudin jew għall-'extra works'.*

(vii) *Illi fl-opinjoni tiegħu, it-tmien u d-disa' eċċezzjonjiet tal-konvenuti għandhom jiġu miċħudin għaliex hija konsiderata 'good working practice and procedure' il-fatt li kuntrattur on site jassikura s-sit tax-xogħol kontra dħul ta' persuni w kontra l-elementi w dan qabel mal-istess kuntrattur jitlaq minn fuq is-sit f'egħluq il-ġurnata tax-xogħol. Il-kuntrattur huwa wkoll obbligat jaderixxi mar-regolamenti dwar is-sigurta tas-siti ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.*

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali l-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** fejn il-Qorti rriteniet illi:

"*l-appellant jilmenta, u f'dan għandu jingħata raġun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-ġudikat tagħha għal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet aċċettabbli għaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm ġudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali tagħha, dik li tagħti motivazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun waħda kritika fis-sens wiesgħa tal kelma u s-sentenza kellha allura tagħmel aċċenn għas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u tagħti raġuni anke b'mod sintetiku għaliex ċiononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bħala l-motivazzjoni tas-sentenza tagħha, kif għamlet il-Qorti f'dan il-każ*."

Ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor**, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 intqal:

"*Issa huwa paċifiku f'każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta*

*lilha konċessa b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967*."

Huwa minnu illi skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha:

*"Dan però ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami."* (**Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

*"f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati."* (**Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Fil-kawża **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad:

*"Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi*

*oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – **Camilleri vs Debattista**]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 **Bugeja vs Muscat et**].*"

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u wara li kkonsidrat ir-rapport tal-perit tekniku, l-provi u xhieda li nstemgħu quddiem l-istess perit u tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-partijiet, il-Qorti tikkondividi mal-konklużjonjiet tal-perit tekniku li l-konvenuti kienu responsabbli għall-ħsara li sofrew l-atturi minħabba l-perkolazzjoni ta' ilma li seħħet fis-sena 2005 u dan minħabba li l-konvenuti naqsu milli jeżegwixxu l-ordnijiet mogħtija mill-perit Camilleri. L-istess perit Camilleri xehed fid-dettal dwar l-istruzzjonijiet li huwa kien ta lil Christopher Muscat dwar kif ghandha tigi evitata perkolazzjoni ta' ilma, u dan jixduh ukoll ir-rapporti tiegħu dwar meta kien jispezzjona l-fond f'diversi okkażżjonijiet fejn huwa kkonferma li l-istruzzjonijiet tiegħu ma ġewx eżegwiti. Jirriżulta wkoll mill-affidavit tal-Arthur Holland ta' fol. 18 et seq tal-proċess illi l-konvenut Christopher Muscat kien irrikonoxxa din il-ħsara in kwantu li talab lill-attur permezz ta' *sms* jikwantifikalu l-ammont jew xogħol neċessarju sabiex isiru xogħolijiet rimedjali. Il-kontenut ta' dan l-*sms* ma ġiex kontradett mill-konvenuti.

Minn naħa tiegħu l-konvenut ressaq biss affidavit tiegħu u ta' Nazzareno Abela, impjegat mas-socjetà konvenuta, fir-rigward tal-inċident in kwistjoni. Huwa jgħid illi l-ilma daħal mit-tielet sular illi kien parzalment mingħajr saqaf u li x-xogħol illi kellu jsir madwar is-shaft (li minnu rriżulta li daħal l-ilma wkoll) kien sar kif suppost, iżda l-Qorti, bħal perit tekniku, ssib illi x-xhieda tal-perit Camilleri hija aktar preċiża u dettaljata in kwantu li huwa ċar illi l-konvenuti ngħataw struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu evitati proprju inċidenti ta' perkolazzjoni ta' ilma iżda dawn l-istruzzjonjiet ma ġewx eżegwiti mill-konvenuti

b'riżultat illi saret ħsara lill-proprjetà tal-Arthur Holland u Geraldine Holland kif ukoll proprjetà adjaċenti waqt maltempata.

Però l-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-perit tekniku li għal dan l-inċident kienu jaħtu wkoll l-atturi in kwantu li l-konvenuti '*kellhom jistennew il-konferma tax-xogħolijiet ordnati mingħand l-istess Vassallo.'* Minn imkien ma jirriżulta li n-nuqqas tal-konvenuti li jimxu mal-istruzzjonijiet tal-perit Camilleri kienu attribwibbli lill-atturi jew ir-rappreżentant tagħhom Philip Vassallo. Huwa minnu li l-konvenut fl-affidavit tiegħu jgħid illi huwa kien joħroġ *quotation* għax-xogħolijiet addizzjonali u kien jistenna l-approvazzjoni tal-attur iżda ma jirriżultax li dan ix-xogħol addizzjonali huwa relatat mal-istruzzjonijiet tal-Perit Camilleri sabiex il-fond jiġi sigur minn perkolazzjoni ta' ilma tax-xita. Lanqas ma jirriżulta li kwalunkwe dewmien li seta' kien hemm, li fi kwalunwe każ qatt ma ġie kwantifikat, kien żamm lill-konvenuti milli jesegwixxu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-perit inkarigat. Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-konvenuti huma responsabbli għall-ħsarat kollha kkaġunati minnhom relatati mal-inċidenti in kwistjoni. Dwar l-ispejjeż inkorsi jirriżulta li ħadd mill-partijiet ma kkontesta l-konklużjoni tal-perit tekniku li dawn għandhom ikunu likwidati fl-ammont indikat fl-istima tal-perit Camilleri a fol. 88 tal-proċess u għaldaqstant il-Qorti ser tistrieh fuq din l-istima ta' LM8,270, illum €19,264.

Il-perit tekniku kkonkluda wkoll li ma tressqitx prova sodisfaċjenti li l-konvenuti ma eżegwewx xogħol skont is-sengħa u l-arti iżda li l-ħsara ġiet ikkaġunata minħabba nuqqas tal-konvenuti li jimxu skont l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat mix-xogħolijiet. Wara illi qieset il-prova kollha miġjuba, il-Qorti tikondividi ma din il-konklużjoni tal-perit tekniku.

L-atturi jallegaw ukoll illi soffrew danni kawża ta' nuqqas tal-konvenuti li jeżegwixxu b'mod tempestiv u fi żmien utli x-xogħolijiet fdati lilhom. Jirriżulta li minkejja li kien hemm xi dewmien fl-eżekuzzjoni ma tressqet ebda prova li dan kien b'xi ħtija tal-konvenuti u lanqas ma tressqet prova dwar danni sofferti f'dan ir-rigward. *'In materja ta' dritt probatorju n-norma stabbilita bl-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 timponi*

*b'obbligu fuq min jallega fatt l-oneru li jippruvah. Fid-distrubuzzjoni tal-oneru tal-prova dan igħodd kemm fil-każ tal-attur kif ukoll għall-konvenut azzjonat*' (**Paul Baldacchino vs Angela Axiaq** deċiża fit-8 ta' Mejju 2005). Għaldaqstant, it-talba tagħhom ma tistax tintlaqa'.

Permezz tar-raba' u ħames talbiet, l-attur nomine talab lill-Qorti tordna lill-konvenuti jipprovdu dokumenti li jindikaw fiex intefqu l-flus illi tħallsu lill-konvenuti. Illi dwar dan il-perit tekniku kkonkluda:

> "*Illi fl-opinjoni tiegħu jirriżulta li l-uniku elenku ta' xogħolijiet bi prezzijiet u spejjeż totali kienu l-invoices ippreżentanti mill-konvenuti a bażi tal-prezzijiet u rati sottomessi mill-istess konvenuti qabel ma bdew ix-xogħolijiet, liema invoices, prezzijiet u rati applikati kif ukoll il-kejl, ma ġewx kontestati mill-attur w għaldaqstant, mill-lat tekniku, ir-raba' w ħames talbiet attriċi għandhom jiġu miċħudin.*"

F'dan ir-rigward jirriżulta li l-ammont komplessiv li tħallas minn Arthur John Holland lill-konvenuti kien ta' Lm25,979.80. L-*invoices* li ġew preżentati mill-attur stess kif ukoll mill-konvenut u huma datati 2006 jagħtu rendikont ta' fiex intefqu l-flus illi l-attur kien ħallas. Ma jirriżultax illi l-attur għamel xi pagamenti oltre l-ammont indikat f'dawn l-*invoices*, liema *invoices* ċertament kienu fil-pussess tal-attur qabel infetħu dawn il-proċeduri u għaldaqstant ma hemmx rendikont x'jagħtu l-konvenuti iżda jirriżulta li l-ammont komplessiv ta' dawn l-*invoices* huwa għall-ammont ta' Lm25,737. Għaldaqstant jirriżulta li hemm diskrepanza ta' Lm242.80, llum €566 li għandha titħallas lura lill-attur nomine.

Permezz tal-kontro talba tagħha, is-socjetà konvenuta titlob danni peress illi tgħid illi ma setgħetx tkompli bl-eżekuzzjoni tax-xogħol minħabba nuqqasijiet, tortijiet u raġunijiet imputabbli lill-atturi kif ukoll illi titlob ħlas li għadu dovut lilha għax-xogħolijiet minnha eżegwiti li ma tħallsux mill-atturi.

Dwar dawn it-talbiet rikonvenzjonali l-perit tekniku wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

(viii) *Illi fl-opinjoni tiegħu, jirriżulta mix-xhieda u dokumentazzjoni esebita li l-konvenuti kienu ppreżentaw tnax il-invoice fl-ammont totali ta' Lm25,737 għax-xogħolijiet eżegwiti minnhom; oltre minn hekk il-konvenuti ppreżentaw talba għall-ħlas ta' VAT li huma ħallsu lill-terzi fix-xiri ta' materjali w servizzi li skond huma ġew użati fix-xogħolijiet tal-attur, dan l-ammont kien ta' Lm2,792.08; jirriżulta wkoll li l-attur għamel ħlasijiet varji fl-ammont ta' Lm25,979.80, għaldaqstant l-ewwel, it-tieni w t-tielet kontrotalbiet tal-konvenuti rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħudin għaliex l-ammont imħallas mill-attur jeċċedi l-ammont ippreżentat fuq l-invoices tal-konvenuti bi Lm242.80 u t-talba għall-ħlas ta' VAT mhijiex waħda valida għar-raġunijiet diġa spjegati f'din ir-relazzjoni.*

(ix) *Illi fl-opinjoni tiegħu, mix-xhieda jirriżulta li l-konvenuti kienu kkompletaw dawk ix-xogħolijiet kollha ordnati lilhom mill-attur jew ir-rappreżentant tiegħu w ma jirriżultax li r-rikorrenti rikonvenzjonali kkawżaw xi dewmien eżagerat fix-xogħolijiet tant li setgħu jiġu kkawżati danni lill-konveneuti rikonvenzjonanti, għaldaqstant ir-raba', il-ħames u s-sitt kontrotalba tal-konvenuti għandhom jiġu miċħudin.*

Fir-rigward tal-ammont illi allegatament għad jonqsu jitħallas mill-attur nomine lis-socjetà konvenuta din il-Qorti ssib illi ma tressqet ebda prova sodisfaċenti dwar dan l-ammont. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Christopher Muscat ippreżentaw tnax-il *invoice*. L-ammont addizzjonali mitlub mill-konvenut mhuwiex inkluż f'dawn l-invoices. B'żieda ma dan, il-Qorti hija perplessa dwar kif is-socjetà intimata donnha qiegħda tippretendi ħlas ta' VAT imħallas minnha fuq materjal mixtri għax-xogħol tal-proprjetà tal-atturi iżda mhux għall-materjal innifsu. Il-Qorti qiegħda tifhem allura li s-socjetà konvenuta allegatament inkludiet l-ammont mħallas tal-materjal fl-*invoices* imsemmija imma mhux l-VAT imħallas fuq dan l-ammont liema ammont ċertament illi kien imħallas mill-konvenuta flimkien mal-prezz ta' materjal innifsu meta nxtara dan il-materjal. Il-Qorti ssib illi l-ispjegazzjoni fornita mhijiex

verosimili u dan apparti l-fatt illi ma ġiet ippreżentata ebda *invoice* formali dwar dan l-ammont. Finalment, jirriżulta li fir-rendikont illi ppreżenta l-konvenut Christopher Muscat li jinsab a fol. 206 tal-proċess, hemm indikat illi tħallas minn Arthur Holland l-ammont ta' Lm1545.28 bħala VAT. Għaldaqstant, din it-talba tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti mhux qiegħda tiġi milqugħa.

Fir-rigward tad-danni allagatament sofferti mis-socjetà konvenuta, l-Qorti tagħmel riferenza għall-konklużjoni numru (ix) tal-perit tekniku riprodotta f'din is-sentenza. Ma jirriżultax illi s-socjetà konvenuta ġabet ebda prova dwar dawn id-danni reklamati minnha u minkejja li mhux eskluż illi seta' kien hemm xi dewmien relatati ma' permessi tal-awtoritajiet tal-ippjanar, ma tresqitx prova sodisfaċjenti li kwalunkwe dewmien li seħħ ikkaġuna xi danni lill-istess socjetà konvenuta. Kif diġà ngħad:

> "*Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li għandu jeħtieġlu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fundament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi fi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli għaliha li tagħti l-prova tal-eżistenza tal-fatt*" (**Kenneth Cassar vs Samy El Sagħir**, deċiża fit-23 ta' Novembru 2005).

Għaldaqstant it-talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħdin jiġu miċħuda.

Għar-raġunijet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur nomine kawża tal-perkolazzjoni tal-ilma fil-fond proprjetà tal-attur nomine li seħħet peress illi l-konvenuti naqsu milli jeżegwixxu l-istruzzjonijiet li ngħataw mill-perit inkarigat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' dsatax-il elf, mitejn u erbgħa u sittin Ewro (€19,264);

3. Tikkundanna lill-kovenuti jħallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' dsatax-il elf, mitejn u erbgħa u sittin Ewro (€19,264) lill-attur nomine;

4. Tiċħad ir-raba' talba tal-attur nomine in kwantu li jirriżulta li dan ir-rendikont diġà ngħata;

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi limitatament billi tordna lill-konvenuti in solidum bejnithom jirrifondu l-ammont ta' ħames mija u sitta u sittin Ewro (€566) li jirriżulta li tħallas żejjed in kwantu li mhuwiex kopert b'ebda *invoice* maħruġa mill-konvenuti.

Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali kollha tas-socjetà konvenuta.

L-ispejjeż tal-kawża inkluż il-kontro-talba għandhom jitħallsu mill-konvenuti in solidum bejnithom ħlief dawk tar-raba' talba tal-attur nomine li għandu jbatihom l-istess attur nomine.

IMHALLEF

DEP/REG